Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,509, 23 ta' Settembru, 2025
Taqsima B

A.L. 204 tal-2025

ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (KAP. 315)

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2025 dwar il-Kontroll tat-Tipjip fuq il-Bajjiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 tal-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk u bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, u l-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 dwar il-Kontroll tat-Tipjip fuq il-Bajjiet.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Awtorità" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi mwaqqfa bl-artikolu 6 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent; Kap. 549.

"bajja" tfisser kwalunkwe bajja kif delineata fl-Iskeda;

"prodott erbali għat-tipjip" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar il-Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ tat-Tabakk u Prodotti Relatati; L.S. 315.10.

"prodott tat-tabakk" tfisser prodotti li jistgħu jiġu kkunsmati u li jikkonsistu, ukoll parzjalment, mit-tabakk, kemm jekk ġenetikament modifikati jew mod ieħor, u tinkludi kwalunkwe tagħmir għat-tabakk;

"tagħmir għat-tabakk" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Prodotti u Rekwiżiti għat-Tipjip li Jixbħu Sigaretti jew Tabakk. L.S. 315.09.

Projbizzjoni ta' tipjip fuq il-bajjiet.

3. L-ebda persuna ma għandha tikkonsma u, jew tuża' prodott tat-tabakk jew kwalunkwe prodott erbali għat-tipjip fuq kwalunkwe bajja kif delineata fl-Iskeda:

Iżda tali projbizzjoni ma għandhiex tapplika f'dawk iż-żoni indikati bħala żoni għat-tipjip u li huma fiżikament delineati fuq il-post mill-Awtorità.

Kontroll u infurzar.


4. L-Awtorità, id-Dipartiment tas-Saħħa, l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, l-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali u l-Pulizija Eżekuttiva għandhom jikkollaboraw u jikkooperaw fl-infurzar ta' dawn ir-regolamenti.


Reati u pieni.

5. Kwalunkwe persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun ħatja ta' reat u għandha teħel meta tinstab ħatja multa ta' mija u ħamsin euro (€150).

SKEDA
(regolament 3)

Il-Bajja tal-Mixquqa u r-Ramla l-Ħamra




Designated No Smoking Area at Ramla (Gozo)
ERA
Environment & Resources Authority
Hexagon House, Spencer Hill, Marsa, MRS 1441, Malta
T | +356 2292 3500 W | era.org.mt
Key
Designated No Smoking Area
Bounding Co-ordinates of Map (UTM / Metres):
Min E 435,132; N 3,991,585
Max E 435,899; N 3,990,914
Published by the Environment & Resources Authority ©